MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1221/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Vincent Busuttil**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm342.97c (tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) rapprezentanti bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99437724.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u bl-

interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fl-Avviz tat-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Nadia Borg tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------